MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Rikors Kongunt Numru. 13/2014

AB

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi huma izzewgu f'Matla fil-knisja ta' San Publiju, Floriana fis-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (1989) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv ta' disa' mija tnejn u tmein sbarra elf disa' mija disgha u tmein (982/1989) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);
2. Illi tul iz-zwieg taghhom, il-komparenti addottaw lil binthom Anthea Aquilina, li illum il-gurnata ghandha sittax-il (16) sena;
3. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) (kopja awtentika tal-istess qeghd tigi hawn annessa u mmarkata Dok B);
4. Illi l-esponenti jiddikjaraw illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejniethom skond ir-rinunzja ghall-istess bejn il-partijiet f'Klawsola 6(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok B), u l-manteniment li jithallas mir-ragel Emanuel Aquilina lil binthom Anthea huwa limitat ghall-ispejjez edukattivi, skond Klawsola 6 (ii) tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. B), li dejjem thallsu regolarment;
6. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

(3) Tordna illi l-ispejjez kollha ta' din il-procedura, kemm legali kif ukol gudizzjarji jkunu a karigu ta' Susan Aquilina;

Rat id-dokumenti li gew esebiti ;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom ;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Novembru, 2004 ;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Il-qorti rat ukoll illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll li ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' manteniment ;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------